## QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-14 ta' Dicembru 2001**

**Citazzjoni numru 800/95 GC**

**Carmela Bugeja u b'digriet tas-16 ta' Frar 1998, l-atti tal-kawza gew trasfuzi fil-persuna ta' Thomas u Maria Concetta sive Connie Bugeja stante l-mewt ta' l-attrici Carmela Bugeja fil-mori tal-kawza**

**vs**

**John u Angela konjugi Borg, u b'digriet tal-11 ta' Jananr 2001, l-atti tal-kawza ghaddew f'isem Angela mart John Borg u f'isem Mario u Pierre ahwa Borg ulied John Borg u f'isem Mario u Pierre ahwa Borg ulied l-istess konvenut John Borg u dana stante l-mewt tal-konvenut John Borg fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici originali ppremettiet:-

Illi l-attrici b'kuntratt ta' l-10 ta' Gunju 1993 (Dok. A) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri, assenjat u ttrasferiet b'titolu ta' donazzjoni a favur tal-konvenuti d-dar "Speranza", numru 6, Triq id-9 ta' April, Mosta;

Illi biex sar il-kuntratt fuq imsemmi l-esponenti nefqet minn butha s-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) kif jirrizulta mill-ircevuta annessa u mmarkata bhala Dok. B;

Illi in forza ta' dan il-kuntratt il-konvenuti obbligaw ruhhom illi ghal matul il-hajja ta' l-attrici huma jirrendulha kura, is-servigi u l-assistenza li jkunu necessarji;

Illi l-konvenuti wara li ngannaw lill-attrici sabiex tassenjalhom il-propjeta' taghha msemmija, abbandanuwha tant li hadu mill-istess residenza taghha l-oggetti personali taghhom biex b'hekk naqsu milli jadempixxu l-obbligazzjoni li assumew fl-imsemmi kuntratt;

Illi l-konvenuti debitament interpellati mill-attrici sabiex jersqu ghat-thassir ta' l-imsemmija donazzjoni u jirrifondulha l-ammont li hija nefqet sabiex sar l-imsemmi kuntratt, baqghu inadempjenti;

Ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenuti naqsu milli jadempixxu l-obbligazzjoni minnhom assunti fil-kuntratt ta' l-10 ta' Gunju 1994;

2. tordna t-thassir tad-donazzjoni ghat-tenur ta' l-artikolu 1785 tal-Kodici Civili (Kap. 16); u

3. tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta' tliet mija u hamsin lira Maltin (Lm350) li hija nefqet sabiex sar il-kuntratt fuq imsemmi;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-2 ta' Gunju 1995 u tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment, kontra l-konvenuti li huma minn issa ingunti in subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nta ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

1. Illi l-ewwel domanda fic-citazzjoni ghandha tigi michuda ghaliex l-esponenti ma naqsux lejn l-attrici. Di fatti huma kienu kostretti ma jkomplux bis-servigi minhabba raguni ta' sahha, ma felhux meta l-attrici kienet esigenti wisq maghhom, u anke biddlet l-atteggjament lejhom ghax irrikonciljat ma' niesha, li maghhom qabel kellha relazzjoni simili, u hekk sabu ruhhom f'cirkostanzi li ma kinux fil-kontroll taghhom;

2. Illi l-kuntratt ta' l-10 ta' Gunju 1994, ghalkemm imsejjah donazzjoni, mhuwiex att ta' liberalita' imma huwa hlas ta' servigi, kuri u assistenzi, u jkopri s-servizzi resi mill-eccipjenti lill-attrici ghal zmien twil qabel dik id-data;

Illi dak il-kuntratt huwa regolat mill-artiklu 1739, Kap. 16, peress li d-donazzjoni saret bi hlas ta' servigi, kuri u assistenzi, li ghalihom l-eccipjenti kellhom jedd ta' azzjoni kif mahsub dak l-artikolu tal-ligi;

Illi minghajr pregudizzju tal-premess, biex tigi revokata d-donazzjoni jehtieg qabel xejn illi l-eccipjenti jithallsu ghas-servigi, kuri u assistenzi li ghalihom ghandhom dritt, kif ukoll jigu rifusi lilhom l-ispejjez ergolati biex sar il-kuntratt, inkella jkun facli ghall-attrici titrasferixxi l-fond lil haddiehor biex l-eccipjenti ma jsibux mnejn jithallsu.

Illi ghalhekk it-tieni domanta ta' l-attrici ghandha tigi michuda;

3. Illi t-Lm350 li l-attrici hallset fuq il-kuntratt huma capital gains tax akkont ta' l-income tax u dik it-taxxa hija rifondibbli lilha mill-Inland Revenue;

Illi ghalhekk u fi kwalunkwe kaz, id-domandi ta' l-attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 1995, kontra l-attrici;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tagha tas-16 ta' Frar 1998 li bih gew legittimati l-atti in vista tal-mewt tal-attrici originali fil-mori tal-kawza;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar 2001 li bih gew legittimati l-atti in vista tal-mewt tal-konvenut John Borg fil-mori tal-kawza;

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tat-30 ta' Novembru 2001 li fih il-partijiet iddikjaraw li saret transazzjoni permezz ta' ftehim tal-31 ta' Ottubru 2001 (fol.178) u l-partijiet talbu li tinghata sentenza a bazi tal-istess ftehim;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2001;

Ikkonsidrat:

Peress li hu opportun li, skond ma talbu l-partijiet, tinghata sentenza a bazi tal-ftehim milhuq mill-istess partijiet fil-31 ta' Ottubru 2001 (fol.178);

Tiddeciedi billi tordna li l-atturi jhallsu lill-konvenuta Angela Borg is-somma ta' tmint'elef lira (Lm8,000) ghas-saldu tas-servigi prestati lil Carmela Bugeja u billi tordna r-rexissjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Tonio Spiteri tal-10 ta' Gunju 1994 li bih Carmela Bugeja kienet iddonat lill-konjugi Borg id-dar bl-isem 'Speranza', numru 6, Triq 19 ta' April, Mosta u tordna li l-hlas ta' tliet mija u hamsin lira (Lm350) li sar fuq il-kuntratt imsemmi bhala Taxxa tat-trasferiment lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, jekk ghandu jigi rifuz, dan ghandu hekk jigi rifuz lill-konvenuta Angela Borg;

L-spejjez tal-kawza jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.